## SUNETTI TAL-GWERRA

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

**1939**

*Lill-mejtin tal-gwerra l-oħra*
*nhar l-Armistizju.*

I

Mill-ħemda ta' qabarkom, rwieħ qalbiena,
taħt art miksija bl-aħmar tal-peprin,
qed tisimgħuh id-daqq ta' dil-qanpiena
li tħabbar żieda ġdida ta' mejtin?

Il-ġlieda reġgħu bdewha dawk il-ħżiena
li qalbhom ma qatgħux wara das-snin...
Il-mafkar bidlu f'maqbar u, bla ħniena,
'l uliedkom jidfnu fuqkom ġa qegħdin!

Qumu minn hemm u l-għadab tagħkom uru!
Uru li mhux għalhekk xerridtu d-demm;
li jmisshom 'l ura lkoll kemm huma jduru;

li bikom il-mibegħda kellha ttemm;
u li b'għadamkom l-oqbra qed ifuru.
Qumu minn hemm, erwieħ, qumu minn hemm!

II

**1945**

U gerbbu s-snin li fihom dinja mġenna
b'ruħha u b'ġisimha tqatlet fid-dagħdigħa
tal-għatx tad-demm... U fdal il-bniedem tħenna
Kif lemaħ tislem minn tas-sliem is-siegħa!

U l-għajta "Rbaħna, rbaħna!" bidlet f'ġenna
l-infern ta' qlub in-nies. Għax it-taqtigħa
intemmet b'wiċċ il-ġid għal kull min stenna
li wara x-xitwa toħroġ ir-rebbiegħa!

Iżda mal-kotra ta' dal-ġnus ferħana
li s-sliema fost il-ħerba qed ifittxu
bit-tama li sa jilħqu xi Nirvana,

Għad hemm xi ħadd imħasseb li fuq wiċċu
tixhidlu l-mistoqsija bint l-irżana:
Satax ma sewa xejn das-sagrifiċċju?...

*(Moqrijin f'Akkademja tal-"Għaqda")*



## ĠAWHAR TA' ĦREJJEF

### IL-WERŻIEQ U N-NEMLA

*Ta'* R. M. B.

Il-werżieq kien għadda s-sajf kollu jpappiha u jitmiegħex u ħsieb ta' xejn. Daqqa jidħol ġo għalqa tat-tadam igerrem, daqqa jferkex qalb xi ħammiela ħabaq u jħarbtilha l-weraq u t-tberkil, issa jiekol it-tin... għax kien żmien il-ġid. Dan bin-nhar; u bil-lejl erħilu għal frisk fuq xi ħarruba jħokk ġwenħajh ma' xulxin u jżerżer iżerżer mingħajr hedu. "Imbierek dak il-għażż". kien igħanni; u jagħli għax jisbaħ. Meta xi tfal ifettlilhom jinbxuh jew jitħajru jaqbduh, jitmattar imattira u jeħmed: bħalkieku jrid igħidilhom:

"Narak ma taranix
mit-tqajba tal-għarix."

u jgħaddi ż-żmien bihom: kif jitilquh għax jaqtgħu qalbhom. jarġa' jħokk ġwenħajh u erħilu jżerżer iżerżer! u għaddej ħajja ta' papa!

Meta mbagħad daħlet ix-xitwa għamel bih il-bard, il-ksieħ u l-ġuħ u matmura mkien, għajr xi werqa ta' ħassa.

— Bil-ħass trid tonsobni n-nies... iżda jien rasi mhix għall-mustaċċi biss!...

Għafsu l-ġuħ... qal: "X'nagħmel?..."

— Immur għand in-nemla... indabbar żewġ loqmiet......

In-nemla mara ta' darha, bieżla u għaqlija, dejjem tkarkar lejn id-dar u taħżen għax-xitwa, biex meta tfittex issib: rat il-werżieq ma' wiċċha: "ħsibtu", qalet: u laqgħetu fil-bieb, biex ma ttihx wiċċ.

— Nemla — qallha l-werżieq.

— X'hemm... x'dil-miġja!

Il-werżieq għamel wiċċ il-ħniena u qallha:

— Jaħasra ma għandekx ftit ikel, imqar kemm ingħaddi jumejn, għax ma niflaħx inżomm bil-bard u bil-ġuħ. Tibża' xejn... jiena nroddulek dak li tagħtini.

Weġbitu n-nemla:

— Jaħasra mhux għax ma ntikx; imma aħna niltaqgħu gozz; m'aħniex ftit hawn ġo dal-gorboġ u kulħadd irid jiekol!... Mhux darba u tnejn, filli mgħammrin b'mitt ġid u filli nisfgħu b'idejna f'idejna; għax il-ħamla ssuqilna dak li nkunu ħżinna! Inti ma tafx x'igħidu n-nies fuqna n-nemel?... "Dak li tkun..."